MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' April, 2005

Talba Numru. 1831/2004

**Middle Sea Insurance Plc., ( Reg. No. C-5553 ) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Agius u l-istess Joseph Agius**

**Vs**

**Victor Schembri**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' hames mija w erba' liri Maltin u tnax-il centezmu (Lm504.12c) rapprezentanti danni subiti b'rizultat ta' kollizjoni li sehhet fit-28 t'Ottubru, 2002 f'St Andrew's bejn il-vettura FAI 839 misjuqa mill-konvenut u l-vettura BAK 594 misjuqa minn Mathieu Sneyers u proprjeta' ta' Joseph Agius, l-attur, li kien assigurat ma' l-istess socjeta' attrici.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb li r-responsabbilta’ ta’ l-incident hija unikament tas-sewwieq tal-vettura BAK 594.

Sema’ x-xhieda ta’ PS 1492 Joseph Pace, Joseph Agius, Victor Schembri u martu Nadia Schembri.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ Dr Louis Bianchi ghall-atturi u Dr Richard Galea Debono ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi Mathieu Sneyers kien kera l-vettura BAK 594 minghand l-attur Joseph Agius u kien qed isuq il-vettura f’St Andrew’s Road, St Andrew’s miexi mid-direzzjoni ta’ Paceville lejn St Andrew’s. Quddiemu kien hemm il-karozza FAI 839 misjuqa mill-konvenut Victor Schembri.

Mill-provi jirrizulta wkoll illi l-konvenut kien miexi bil-mod u *on the crown* tan-naha tieghu u Mathieu Sneyers kien gej minn warajh, ghamel manuvra ta’ sorpass u tkaxkar mal-genb tal-vettura tal-konvenut u b’hekk sehhet il-kollizjoni. Sneyers ma waqafx mill-ewwel izda waqaf ferm ‘il fuq mill-post fejn sehh l-incident.

Jirrizulta mill-provi wkoll illi fil-mument tal-kollizjoni, l-konvenut kien bi hsiebu jdur lejn il-lemin u kien anki xeghel l-*indicator* relattiv u dan kif jafferma kemm l-istess konvenut kif ukoll kif xehdet martu.

Meta saret il-*claim* ma’ l-assigurazzjoni Sneyers kiteb illi fil-fatt ma ndunax illi l-vettura tal-konvenut se tikser lejn il-lemin stante li din ma kellhiex *indicator*, izda t-Tribunal jinnota wkoll illi mir-*Road Accident Report* li sar a tempo vergine u li gie kkonfermat bil-gurament minn PS 1492 Joseph Pace, ma jirrizultax li dan Sneyers ghamel din l-affermazzjoni lill-pulizija izda mill-banda l-ohra jirrizulta wkoll illi Schembri, l-konvenut, kien indika precizament li kien ghamel l-*indicator* relattiv.

Jirrizulta wkoll illi qabel m'ghamel tali manuvra, l-konvenut hares fil-mera u ma kien hemm l-ebda traffiku gej minn warajh. It-Tribunal jidhirlu wkoll illi jirrizulta pruvat illi Sneyers kien miexi b'certa velocita' stante, kif huwa anki qal lill-konvenut u lil martu, dakinhar ta' l-incident huwa kien qieghed meeting li kien boring hafna u kien mghaggel biex imur lura lejn id-dar.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jidhirlu illi m'hemm ebda dubju ta' xejn illi l-kawza prossima tal-kollizjoni in kwistjoni kien is-sewqan imprudenti u negligenti ta' Sneyers li ma ndunax, meta messu nduna, li l-konvenut kien se jikser lejn il-lemin. Jirrizulta wkoll illi fil-mument li qed jaghmel il-manuvra ta' sorpass Sneyers tant hareg 'il barra li gie in parti *wrong side*.

M'hemm xejn x'wiehed jikkritika fir-rigward tas-sewqan tal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba ta' l-atturi bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------